# Restawr Tal-Istatwa Titulari

Naħseb li smajtu u qrajtu biżżejjed dwar ir-restawr tal-Istatwa titulari. Is-sena l-oħra stajna naraw ix-xogħol sabiħ li għamlulna John Orlando u Renzo Gauci fuq l-Istawa, u niftakar li meta ġibna l-Istatwa tal-Madonna lura fil-knisja is-sena l-oħra kullħadd ħa gost jammira l-ġmiel ta xogħol li sar fuqa.

Konna għednilkom li dan l-proġett ser jieħu sentejn biex jitlesta, izda minħabba cirkostanzi li ma għandniex kontrol fuqhom ser ikollna imexxu l-final ta dan ir-restawr għal Festa ta' sena oħra.



Din is-sena ser ikollna ħafna affarijiet oħra lesti min dan ix-xogħol li qied issir b'ambizzjoni kbira, li huwa : Il-pedestal ta taħt l-Istatwa li konna għidna li dan ser jiġi ndurat mill-ġdid. Ix-Xogħol li sar fuq il-pedestall huwa li twaqa kollu biex sar fi stat ta injam biss u wara b'sena liema bħala kif ġara fuq l-Istatwa reġa inata l-ġibs u wara mkesa bil-folji tad-deheb, Saru ukoll xi tiswijiet fuq l-iskulturi li kien hemm filwaqt li saru xi ohrajn ġodda biex jikkumplimentaw ma dak li kien hemm diġa.

Saru ukoll l-appostli tal-injam li hemm madwar il-bankun. Dawn ittieħdu għal tindifa u ukoll biex jigu rrangati xi ħsarat li saru maż-żmien.

Il-bankun ukoll ittieħed għand mastrudaxxa biex dan jigi ilostrat mill-ġdid u ukoll jigu rranġati l-ħadid li fuqhom jitpoġew il-lasti tar-reffiegħa.

F' dan l-artiklu għandkom taraw r-rendikont kollu sa l-aħħar ta' April 2008 kif konna wegħdnikom. Dan ser jibqa joħrog kull sena sakemm jiġabar kollu.